MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1941/2002

**Advance Shipping Ltd**

**vs**

**Future Tech Ltd u b'digriet tat-Tribunal tal-25 ta' Ottubru 2002 l-isem tas-socjeta konvenuta "Future Tech Ltd" ghandu jinqara Stefan Farrugia f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Future Tech Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut proprio et. nomine jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u tletin centezmu (Lm234.30) rappresentanti prezz ta' servizz ta' "*clearing u forwarding*" rezi mis-socjeta attrici fuq l-istruzzjonijiet tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali ta' Novembru 2001 u bl-imghax legali mid-data tal-fattura kontra l-konvenut proprio et. nomine.

Ra r-risposta tal-konvenut proprio et nomine ipprezentata fis-16 ta' Settembru 2002, fejn gie ecceppiet:
1. Illi fl-ewwel lok, Stefan Farrugia gie notifikat bl-avviz odjern ipprezentat kontra kumpanija li maghha m'ghandu l-ebda relazzjoni.
2. Illi fit-tieni lok l-kumpanija imharrka ma tidhirx li tezisti;
3. Illi, in ogni caso, u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici kontra Stefan Farrugia hija preskritta.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Ra id-digriet tal-25 ta' Ottubru 2002, li permezz tieghu, l-isem tal-konvenut gie korrett fis-sens illi gie jinqara Stefan Farrugia, f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Future Tech Ltd.

Sema' x-xhieda ta' Joseph German in rappresentanza tas-socjeta attrici, ta' Terence Cachia kif ukoll tal-konvenut.

Ra il-verbal tas-seduta tad-9 ta' April 2003, fejn l-konvenut irtira l-ewwel u it-tieni eccezzjonijiet sollevati minnu.

Ra n-nota ipprezentata mill-konvenut proprio et nomine ipprezentata fid-9 ta' April 2003, li permezz taghha huwa indika l-artikolu tal-ligi li abbazi tieghu qieghed jinvoka l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni u cioe' l-artikolu 2147(d) tal-Kodici Civili.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mill-kontendenti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti u cioe' Dokumenti SF1 u SF2, kif ukoll Dokument JS1.

Ikkunsidra,

Illi l-uniku eccezzjoni illi l-konvenut proprio et nomine qieghed jissolleva f'din l-azzjoni hija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta'l-artikolu 2147(d) tal-Kodici Civili u cioe' l-preskrizzjoni ta' sena ghall-azzjonijiet tal-vetturali bl-art jew bil-bahar, imsemmijin fl-artikoli 1628 sa 1631 ghal hlas tal-kirjiet u tal-pagi taghhom.

Illi mix-xhieda prodotti jirrizulta illi s-socjeta attrici kienet tipprovdu servizz ta' *clearing and forwarding* lill-konvenut proprio et nominee, u cioe' meta il-merkanijza li l-konvenut kien jimporta minn barra kienet tasal Malta, is-socjeta attrici kienet toffri servizz sabiex l-istess merkanizja tigi rilaxxjata mid-Dwana u sussegwentement imwassla sal-post indikat lilhom mill-konvenut u cioe' sa wara l-bieb ta' barra fejn ikun indikalhom. L-ahhar servizz ta' dan it-tip li gie offrut lill-konvenut kien fl-10 ta' Dicembru 1998 u l-ahhar pagament akkont effetwat mill-konvenut kien fid-19 ta' Ottubru 1999 u dana skond kif jirrizulta mid-Dokument JS1.

Illi minn qari akkurat tad-Dokument JS1 jirrizulta illi fost is-servizzi ipprovduti lill-konvenut proprio et nomine, is-socjeta attrici kienet tiehu hsieb li tigi ippreparata id-dokumentazzjoni sabiex il-merkanzija tigi rilaxxjata mid-Dwana, jithallsu ic-*charges* kollha involuti, inkluz il-hlas tad-dazju, li l-merkanzija tinhatt u titwassal ghand il-konvenut.

Illi it-Tribunal, ghalhekk, qabel xejn ser jezamina jekk l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut proprio et.nomine hijiex dik applikabbli ghal kaz in dizamina. Illi l-artikolu tal-ligi li fuqu hija ismejjsa din l-eccezzjoni jitkellem dwar vetturali bl-art jew bil-bahar, liema artikolu huwa strettament marbut ma'l-artikoli 1628 sa 1631 tal-Kodici Civili liema garr huwa wiehed ristrett fil-limiti ta' Malta, jigifieri jew garr minn gzira ghal ohra jew garr min-naha ghall-ohra ta'l-istess gzira. Inoltre qari akkurat ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi ukoll jindika illi l-azzjoni ta' dawn il-vetturali hija ristretta ghal wiehed ta' garr u xejn iktar (ara artikolu 1629).

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor.Imhallef J.R. Micallef) fis-26 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet Ronald Naudi noe vs Unispeed Shipping and Forwarding Limited, il-Qorti stqarret illi hawnhekk *si tratta* ta':

"Pretensjonijiet li jissejjsu fuq pretensjoni ta' servizzi (ta' garr) u mhux hlas ta' kera (hire) jew paga (wages) ma jaqghux taht l-artikolu 2147(d).

Illi s-servizz ipprovdut mis-socjeta attrici favur il-konvenut proprio et nomine certament ma jistax jikkwalifikaw bhala hlas ta' kera jew pagi kif jiddisponi l-artikolu tal-ligi in dizamina. Is-servizz huwa wiehed li ma jinvolviex biss kwistjoni ta' garr u hlas ta' pagi jew kera u ghalhekk ma jistax jintlaqat bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-ligi.

Fis-sentenza hawn fuq indikat il-Qorti tkompli: "Ir-regoli tal-preskrizzjoni, sewwasew minhabba n-natura taghhom, fuq l-azzjoni attrici ghandhom jinghataw tifsira ristretta u ma jitwessghux b'analogija jew implikazzjoni."

Kwindi l-artikolu tal-ligi li ababzi tieghu l-konvenut proprio et nomine qieghed jibbaza l-eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni ma huwiex applikabbli ghal kaz odjern u kwindi l-istess eccezzjoni qed tigi respinta.

Minhabba dak ipprovdut fl-artikolu 2111 tal-Kodici Civili, t-Tribunal irid jinvestiga biss dik l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u ma jistax minn jeddu ighaddi biex jezamina xi disposizzjonijiet ohra tal-Ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut proprio et. nomine, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut proprio et. nomine ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u tletin centezmu (Lm234.30), bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Ottubru 1999.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut proprio et. nomine

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------